# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 158/2021 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**AC**

**Vs**

**HL**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AC datat 16 ta' April 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fit-tlettax (13) ta' Ottubru elfejn u ghaxra (2010) f'C u liema zwieg gie debitament rregistrat fir-Registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 2217/2010 ta' nhar il-25 ta' Novembru 2010 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A'.*
>
> *Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom tifla M li twieldet f'X;*
>
> *Illi l-partijiet isseparaw legalment nhar it-23 ta' Marzu 2021 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Reuben Casingena anness u mmarkat Dok 'B'.*
>
> *Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin tant li ghandhom relazzjonijiet godda ma terzi persuni;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xuxlin u sahansitra iffurmaw relazzjoni ma' nies ohra;*

*Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri;*

*Illi dawn l-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;*

2. *Tordna li l-intimata tirriverti ghall-kunjom taghha ta' xebba ossija "H"*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-Nota kongunta tal-partijiet datata 18 ta' Gunju 2021;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**LH xehdet** (vide xhieda 14 et seq ) illi in segwitu taz-zwieg taghhom datat 13 ta' Ottubru 2010, l-kontendenti isseparaw de facto sa mit-2 ta' Frar 2014. Filwaqt li l-kuntratt tas-separazzjoni gie ppubblikat fit-23 ta' Marzu 2021. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' xehdet illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom u li l-manteniiment tal-minuri dejjem thallas.

**AC xehed** (vide affidavit fol 14) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati***

> ***b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Ottubru 2010, liema zwieg jgib certifikat numru 2217/2010 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 6). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Casingena nhar it-23 ta' Marzu 2021 (vide Dok. B fol 2 et seqq.), izda ilhom jghixu ghar-rashom minn Frar 2014. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jecceddi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Ghal rigward tat-talba tal-attur vis a vis il-kunjom tal-intimata, din il-Qorti tichad it-tieni talba tal-attur stante li jidher b'mod lampanti illi l-intimata kienet rriteniet kunjom xbubitha u cioe LH hekk kif jidher fil-kuntratt ta' separazzjoni dokument B a fol 2 tal-process, fejn l-intimata m'hijiex indikata bhala LC izda LH.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel u t-tielet talba u tichad it-tieni talba u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2217/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**